# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **38** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **l-Erbgħa 18 ta' Lulju 2012 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sinjura Carmen Fearne |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |


Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**


### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 37.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni:
   MLC 07/2012 – Reception for Marsaskala Day
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 37(1) tas-26 ta' Ġunju 2012:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi f'paġna 4 artiklu 3.9 fit-tielet paragrafu kien hemm *typing error* u l-artiklu jrid jinqara *'il-permessi'*.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 37(1) tas-26 ta' Ġunju 2012:**

2.1.1 Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi rigward punt 3.6 kienet saret laqgħa ma' tal-banda biex tissolva l-problema. Ġie deċiż li flimkien mal-banda se jkun hemm *supporting band* oħra li se tipprovdi wkoll riċevuta fiskali għas-servizz li se tagħti.

2.1.2 Is-Sindku kompla jgħid illi l-Għaqda Mużikali Sant'Anna fil-21 ta' Lulju se jagħmlu attivita` fejn se jagħlqu Triq il-Knisja. Huwa kompla jgħid illi talabhom li jġibu l-permess min-naħa tal-pulizija u wara għandhom jagħmlu l-permess tal-imwejjed u s-siġġijiet.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera rigward punt 3.7 fejn infurmhom illi l-bandli wasal fil-final tiegħu u għalkemm kien hemm xi diżgwid ma' xi propretarji ta' xi stabbilmenti issa ġie kollox solvut. Huwa kompla jgħid illi ġew ordnati madwar €400 fi bżieżaq għal ftuħ li se jsir fil-21 ta' Lulju 2012.

Is-Sindku żied jgħid illi wara li tkellem mal-Perit ser issir l-logo tal-Kunsill ma' l-art f'waħda mill-entraturi. Din ser tkun tal-*perspex* u bid-dawl taħta.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsilliera illi għada qed tiġi solvuta l-problema tal-*wifi* min-naħa tal-Go.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid illi l-kamra li kien hemm ilmenti dwarha ser tiġi mdawra b'injam apposta ta' barra liema njam ġie magħżul mil-Perit tal-Kunsill u li se jkun *maintenance free*.

Is-Sindku qal li huwa mportanti illi ninfurmaw lill-Puliziija sabiex josservaw li l-ebda stabbiliment li jinsab fil-bandli ma joħroġ iktar imwejjed u siġġijiet minn dak li għandu fil-permess u barra l-bankijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa mportanti illi tal-ħwienet ma joħorġux iktar l-iskart tagħhom fil-bandli u lanqas ibagħttlu l-iskart tagħhom fil-*bins* li se jkun hemm fil-bandli.

Is-Sindku qal li issa l-istabbilimenti tal-ħwienet se jibdew jitfgħu l-iskart tagħhom ġo boroż oranġjo u se jinġabru mill-kolletturi apposta.

Is-Sindku qal ukoll illi l-ktieb ta' nformazzjoni li ħejjiet is-Sinjura Elisabeth Cassar ġie ippubblikat u ssuġġerixxa illi dak inhar ta' Jum il-Lokal fit-2 ta' Settembru għandu jiġi illonċjat dan il-ktieb fil-preżenza ta' l-istess Awtriċi.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi rigward l-aħħar paragrafu ta' paġna 8 il-permessi għall-imwejjed u siġġijiet tal-festa se jingħataw mil-ġimgħa sal-ħadd u l-permessi se jingħataw biss fl-ispazju tal-parkeġġ ta' quddiem l-istabbiliment tagħhom.

2.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt 3.10 ta' paġna 10, jekk il-*magazin* hux se joħroġ u jekk avżjaniex lis-Sinjura Rebecca Micallef sabiex tibda taħdem fuq il-*magazin*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li s-Sinjura Rebecca Micallef nfurmata sabiex tibda taħdem fuq il-*magazin*, pero` din se taħdem sa l-aħħar t'Awwissu u allura aħjar li l-preparamenti isiru malajr kemm jista jkun.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt 3.12 ta' paġna 5 jekk ħadniex xi risposta mill-kumpanija SR Services.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-*email* ntbagħtet wara d-deċiżjoni tal-Kunsill iżda għadna ma rċivejniex risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li dawk is-17 il-bin li għandhom il-*lock* ħażin mhux qed jitbattlu sew.

2.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq punt numru 4.1 ta' paġna 6 jekk Dr Buhagair bagħatx ir-rapporti li ġew mitluba.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi wara l-aħħar laqgħa bagħatlu *email* sabiex jgħaddielna r-rapport pero` baqa ma bagħathomx.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għal darb' oħra għandu jinnotifikah sabiex jibgħatilna r-riżultat ta' l-ewwel analażi urġenti.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Biċċa art fi Triq il-Miklem Malti k/m Triq is-Sliem:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsillier illi din il-biċċa art ittieħdet mill-Gvern u ġiet ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern illi se tiġi żviluppata għal skopijiet pubbliċi. Huwa kompla jgħid illi qed jiċċekja x'se jiġi żviluppat eżatt.

3.2 **Ħruġ ta' Tender tal-Bulky Refuse, Maintenance of Traffic Signs and Road Markings u Parks and Gardens:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi dawn it-*tenders* waslu biex noħorġu sejħa oħra.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni illi peress li din il-leġislatura qed tasal fi tmiema għandna nitolbu lid-dipartiment sabiex issir estensjoni ta' dawn il-kuntratti u mhux toħroġ sejħa ġdida għalissa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali ma jagħtiniex permess għal estensjoni għandna tinħareġ sejħa ġdid għal dawn is-servizzi:

3.2.1 **Bulky Refuse:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta *draft* tal-kuntratt tal-*bulky refuse* sabiex jiġi approvat mill-Kunsilliera.

Wara li saret diskussjoni sabiex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet ta' dan il-kuntratt, il-Kunsill qabel unanimanet illi minn kull residenza ma jkunx hemm ibbukjat iktar minn 3 affarijiet, li ma jaqbżux l-4m$^3$, u l-Kunsill jiġi iċċarġjat għal kull tlett *items* irrelevanti minn fejn jinġabru.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa illi f'każ li jkun hemm *sub contracting* skond il-*general conditions* il-kuntrattur magħżul għandu jinforma lill-Kunsill dwar dan u f'każ li l-Kunsill ma jkunx sodisfatt bil-servizz tas-*sub contracting* il-Kunsill jirriserva d-dritt illi jitlob lill-kuntrattur sabiex jinbidel is-*sub contractor*. Huwa kompla jgħid li fil-kuntratt għanda tintalab l-*etc list*, u kopja tal-permes tal-MEPA tad-dispożizzjoni ta' l-affarijiet miġbura.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2.2 **Maintenance of Traffic Signs and Road Markings**

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan it-*tender* jinħareġ skond l-ispeċifikazzjonijiet tat-*tender* preżenti u li ż-żebgħa li tintuża għandha tkun konformi ma' L-Unjoni Ewropeja.

3.2.3 **Parks & Gardens**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dan il-kuntratt irid jiġi modifikat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar jara x'hemm bżonn li jiġi modifikat f'dan il-kuntratt.

Is-Segretraju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera illi l-aġġudikazzjoni ta' dawn it-*tender* se tkun ibbażata fuq l-orħos offerent u li jkun *technically and administravely compliant.*

- **Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi s-Sur Mark Causon kien se jattendi għal-laqgħa sabiex jispjega il-progress tal-proġett tal-Gal Xlokk, pero` nfurmana illi minħabba ċirkustanza personali ma setgħax jattendi għal-laqgħa.**

3.3 **Sleeping policeman fi Triq San Gwakkin (35/4069/12/I):**

Is-Sindku qal li s-Sur Zammit qed jissuġġerixxi illi ssir *sleeping policeman* viċin il-Kazin tal-Partit Laburista.

Il-Kunsill qabel unanimament illi napplikaw lit-TM

3.4 **Proponiment ta' Ġieh Marsaskala (35/4274/12/I):**

Is-Sindku ssuġġerixxa illi din is-sena Ġieħ Marsaskala jingħata liż-żagħżugħ Jean Claude Attard u dan peress li dan il-ġuvnott ilu jiġi nnotat jieħu ħsieb n-nannuħ.

Il-Kunsill qabel unanimament

3.5 **Stima tax-xogħolijiet madwar Torri San Tumas:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta stima tax-xogħolijiet fuq dawl u pavimentar li għandu x'jaqsam mal-proġett tal-ERDF 212 pero` dan ix-xogħol għandu jitħallas mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsir dan ix-xogħol skond il-kwotazzjoni li tammonta għal €5,192.00

3.6 **Żewġ invoices ta' JGC Ltd rigward il-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi JGC Ltd preżentat żewġ *invoices* waħda ta' l-apparat tal-bandlu u l-oħra fuq id-dawl.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi hemm xi LED's li mhux qed jaħdmu. Huwa qal ukoll illi għandu jitkellem mal-Perit għaliex hemm xi arbli li m'humiex dritti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitħallas il-kont tal-apparat wara li jiġi ċċertifikat mil-Perit, filwaqt li l-kont l-ieħor jersaq għas-seduta tal-Kunsill li jmiss.

3.7 **Pompa tal-funtana fi Ġnien Sant'Anna:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-pompa tal-funtana ta' Ġnien Sant'Anna nħarqet u dan minħabba 'l fatt li l-funtana mhux qed tkun mimlija sew. Huwa żied jgħid illi talab kwotazzjoni ta' kemm tiswa pompa ġdida simili ta' dik li nħarqet.

3.8 **Ġnien Charles Clews:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-ilma tal-funtana qed ikun maħmuġ ħafna u li l-klorin mhux qed japplikawh darba fil-ġimgħa kif suppost, huwa żied jgħid illi n-*nozzels* mkissra u l-pompa qed tillikja l-ilma. Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri qal li hemm bżonn li l-ħaddiema jieħdu ħsieba.

3.9 **Triq is-Skiet:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li qed jipparkjaw fid-daħla ta' Triq is-Skiet, b'konsegwenza illi l-karozzi ma jkunux jistgħu jidħlu.

Is-Sindku qal ukoll li xi ħadd għalaq parti minn din it-triq għaliex qed jgħid li hija propjeta` privata.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lill-*Lands Department*.

3.10 **Art kbira fi Triq il-Qrempuċ:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ċ-ċint li kellu jinbena madwar l-biċċa art li hemm fi Triq il-Qrempuċ quddiem Qasam tal-Bujar għadu ma sarx u qed ikun hemm ħafna lmenti min-naħa tar-residenti.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-ġurnata ta' qabel kien tkellem ma wieħed mis-sidien fejn nfurmah illi qed jinbidlu xi katusi tad-drenaġġ sabiex isiru ġodda.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nikkuntatjaw wieħed mis-sidien ta' l-art sabiex nitolbuh itellgħa ċ-ċint.

3.11 **Sistema tad-drenaġġ fi Triq Apap bologna k/m Triq id-Dugħ:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hemm bżonn tinbidel is-sistema tad-drenaġġ fi Triq Apap Bologna ma Triq id-Dugħ.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-W.S.C

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi l-pagamenti numri 1640, 1641 u 1642 tal-laqgħa nru 37 ġew ikkanċellati minħabba li kienu ġew mniżżla doppji fl-istess laqgħa.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri rrimarka fuq pagament nru 1725 fejn qal li din il-*gate* ġiet għolja ħafna.

Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha.

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni***

5.1 **MLC 07/2012 – Reception for Marsaskala Day:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*quotation schedule*.

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | Creme Caramel | € per item |
| 2. | Catermax | Opt 1 - €19.00p/p<br>Opt 2- €24.00p/p |

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi r-*reception* ser issir ġewwa s-Sensi Hotel u għandna nistiednu lill-kuntratturi, għaqdiet u sottokumitati.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lill-Creme Caramel għaliex kien l-orħos offerent u ssottometta *per item* kif kien mitlub.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja(#349 – 4/07/12):**

*"Jipproponi biex titwaħħal bozza fi sqaq nru 3 bejn Triq Sant'Anna u Triq ix-Xatt ghax hemm taraġ mudlam u qed jaqgħu n-nies (pjanta annessa)".*

Diġa kien hemm approvazzjoni sabiex titwaħħal din il-bozza.

7.2 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#350 – 6/07/12):**

*"Jipproponi li nagħmlu biċċa bankina ta' xi 4 metri quddiem il-kamra tal-baħħara fi Triq San Ġorġ".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 22 ta' Awwissu 2012 fis-6.00p.m

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku